# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA



**Edizzjoni Nru. 6**
**Novembru - Diċembru 2005 - Jannar 2006**

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt

Festi Ċentinarji Katarinjani


## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Anthony Bonnici*

Wara kull festa l-Kumitat dejjem jagħmel eżerċizzju ta' riflessjoni flimkien mas-Sotto Kumitati fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. sabiex flimkien nifirħu bis-suċċess miksub u naraw fejn wieħed jista' jtejjeb għall-futur. Niftakar li f'eżerċizzju simili li sar wara l-festa tas-sena 2004, kienu ħafna dawk li wrew l-apprezzament tagħhom għall-festa kbira li saret fis-sena meta s-Soċjetà tagħna ċċelebrat il-140 sena mit-twaqqif tagħha. Kien hemm ukoll diversi membri, u jien kont wieħed minnhom, li ħassew li tant kienet kbira l-festa tas-sena 2004, li kienet tinkludi wkoll il-ġemellaġġ mal-banda Taljana u ż-żjara tal-banda fil-palazz tal-President fil-Belt Valletta, li kien ferm diffiċli li wieħed jibqa' jtejjeb fuq dan il-livell hekk għoli. Dawn il-ħsibijiet u forsi xi ftit tal-biża kienu validi u tqajjmu minħabba l-festi ċentinarji li kienu qed jiġu ppjanati għas-sena 2005 fl-okkażjoni ta' l-1700 sena mill-Martirju ta' Santa Katarina V.M.



*Il-President jindirizza lill-folla waqt il-Ftuħ Uffiċjali ta' Maħżen Santa Katarina*

Illum wara li l-festa ta' Santa Katarina V.M. għaddiet, din il-biża kollha taret mar-riħ u sfumat fix-xejn għax il-festa tal-Patruna tagħna Santa Katarina fis-sena taċ-ċentinarju kienet suċċess kbir li jisboq dak kollu li sar u nkiseb fil-passat. Bla ebda dubju l-entużjażmu taċ-ċentinarju, bid-diversi attivitajiet soċjali, kulturali u reliġjużi li saru fil-paroċċa matul is-sena kollha, laħaq il-qofol tiegħu fil-festa ta' Settembru. L-attivitajiet li saru fil-ġimgħa ta' qabel il-festa, bil-parteċipazzjoni tal-Banda Santa Katarina, komplew żiedu d-doża ta' l-entużjażmu. Il-ħruġ ta' l-istatwa ta' Santa Katarina kien mument li żied ħafna fis-solennità tal-festa. Kull attività u kull mument fil-ġimgħa tal-festa kien jinħass speċjali għax dawk kollha li kienu qed jieħdu sehem kellhom ġewwa qalbhom ferħ li nġema' u ssawwar matul is-snin u li sab il-qofol tiegħu fis-sena speċjali taċ-ċentinarju.

Xi ngħidu għall-ġimgħa tal-festa? Il-folol kbar li attendew bi ħġarhom f'kull ġurnata tal-festa kienu mpressjonanti. Dawn il-folol baqgħu jikbru kuljum u laħqu l-qofol tagħhom mit-tieni tridu 'l quddiem. Il-programm mużikali u vokali li esegwiet il-Banda Santa Katarina V.M. bl-ispettaklu tan-nar sinkronizzat jibqa' mfakkar bħala l-aqwa u l-akbar spettaklu li qatt sar ġewwa ż-Żurrieq. Kien impressjonanti tara l-folla tan-nies li ppakjaw mhux biss Misraħ Repubblika iżda wkoll wara l-planċier u fuq iz-zuntier sa l-għassa tal-pulizija. Il-ġranet l-oħra ma' kinux inqas sabiex jum il-festa laħaq ir-rekord b'folla ta' nies li attendiet għall-purċissjoni. Il-kwalitajiet għolja li wrew id-dilettanti tan-nar bl-ispettaklu li taw matul il-festa kollha kompla għolla l-livell tal-festa li tista' tiddiskreviha b'aġġettiv wieħed biss – **SUPREMAZIJA.**

Issa qegħdin nersqu lejn tmiem iċ-ċentinarju. Filwaqt li nirringrazzja lil kulħadd ta' l-impenn tiegħu u għas-suċċess milħuq fil-festa ta' Settembru, nappella lid-devoti kollha ta' Santa Katarina sabiex nuru l-imħabba tagħna lejn il-Patruna tagħna fil-pellegrinaġġ devozzjonali li ser isir nhar il-25 ta' Novembru 2005. Huwa mportanti li nħeġġu lil kulħadd sabiex ikun hemm, ħalli flimkien intemmu dan iċ-ċentinarju kif jixraq lill-Patruna tagħna Santa Katarina V.M.



*Mattia Preti; il-Matirju ta' Santa Katarina ta' Lixandra, c. 1667 - 1671. Din il-Pittura hija t-Titular tal-Knisja Arċipretali u Matriċi ta' Santa Katarina V.M. fiż-Żurrieq*




## BORD EDITORJALI:

| | |
|---|---|
| Darmanin Lorna | Editriċi |
| Sammut Anna Maria | Assistenta Editriċi |
| Camilleri Moses | Kaxxier |
| Farrugia Emanuel | P.R.O. |
| Cassar Mark | Website Designer |
| Camilleri Anna | Rappreżentanta Sezzjoni Nisa |
| Darmanin Joey | Rappreżentant Sezzjoni Armar |
| Farrugia Richard | Rappreżentant Kummissjoni Banda |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |
| Zammit Oliver | Rappreżentant Sezzjoni Nar |


# EDITORJAL

Għeżież membri u qarrejja,

Reġgħu għaddew tliet xhur oħra u s-sena għoddha waslet fi tmiemha. Din is-sena żgur li se tibqa' tissemma' bħala waħda verament impenjattiva għal kull min ta sehmu biex il-festi ċentinarji jkunu ta' suċċess. Minn qalbi nixtieq nagħti prosit lil kulħadd għax verament kellna festa kompluta minn kollox. Issa jonqos il-qofol tal-Festi Ċentinarji f'Novembru biex nispiċċaw iċ-ċentinarju bil-kbir.

Tistgħu tifhmu li wara l-Festi kbar li kellna, u peress li issa waslu l-elezzjonijiet tal-kumitati, kien diffiċli biex il-gazzetta tasal għandkom fil-bidu ta' Novembru. Aħna għamilna l-almu tagħna biex sa fejn hu possibli, nwasslulkom il-gazzetta mill-aktar fis. Barra minn hekk, kien għad fadal jittieħdu xi deċiżjonijiet dwar il-Festi ta' Novembru, u b'hekk kellna nistennew sakemm dawn ikunu finali. Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom.

Kull min ikollu bżonn xi kopji tal-gazzetta, kif ukoll kull min jixtieq jirreklama fil-gazzetta, jikkuntattjana minnufih. Apprezzajt ferm li xi wħud minnkom qed jibagħtu ittri ta' tifħir għall-gazzetta, filwaqt li nħeġġiġkom tkomplu tindirizzaw l-ittri tagħkom hekk: **L-Editur, Sancta Catharina, Zurricanorum Patrona, Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M., Palazz Alexandria, 37, Misraħ Repubblika, Żurrieq.**

Filwaqt li nixteqilkom il-Festi tal-Milied u s-Sena t-tajba, nibgħat inselli għalikom u nirringrazzjakom ta' l-appoġġ.

**Lorna Darmanin - Editriċi.**

## Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja ta' Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq

Bl-insistenza u l-ħeġġa taż-Żrieraq, l-Isqof Alpheran de Bussan ikkonsagra l-Knisja Parrokjali taż-Żurrieq għall-qima t'Alla u għat-tifħir u l-glorja u unur ta' Santa Katarina V.M. Dan it-Tempju kien ilu ddedikat lil Santa Katarina V.M. sa minn sekli qabel, biss b'din il-konsagrazzjoni, Santa Katarina V.M. ġiet ikkonfermata bħala t-<u>Titular tar-Raħal</u> u r-rabta tagħha bħala l-<u>Patruna u Protettriċi taż-Żurrieq</u> ġiet issiġillata darba għal dejjem.

L-Isqof kien ordna biex din it-tifkira tal-konsagrazzjoni tibqa' titfakkar minn ġenerazzjoni għal oħra fost iż-Żrieraq. B'hekk, kull sena, fl-aħħar Ħadd ta' Ottubru, iż-Żrieraq jerġgħu iġeddu din it-tifkira li għandha sinifikat kbir, billi fost l-oħrajn terġa' tinħareġ ir-Relikwija għażiża ta' Santa Katarina V.M. fuq l-Altar Maġġur għall-qima tad-devoti.

***Jeremy Cachia***


**HP Cole Ltd.**

**65/66, Marina Street, Pietà MSD 08 Malta**
**Tel: (+356) 21 238116 - 21 221746**
**21 250174 - Tel/Fax: (+356) 21 240506**
**E-mail: krc@colefoods.com**

**Għal kull tip ta' xorb, spirti kif ukoll varjetà kbira ta' inbid...**



# Attivitajiet organizzati mis-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. Żurrieq fit-tliet xhur li ġejjin

## (Dettalji fis-sezzjonijiet rispettivi fil-gazzetta)

| | | |
|---|---|---|
| 12/11/05 | Filgħaxija | Country Night fil-Każin, organizzata mis-Sotto Kumitat tan-Nar. |
| 13/11/05 | Filgħodu | Ġabra b'risq il-festa ta' Novembru f'għeluq il-Festi Ċentinarji. |
| 18/11/05 | 7.15p.m. | High Tea fil-Każin f'għeluq iċ-ċentinarju, organizzat mis-Sezzjoni Nisa. |
| 19/11/05 | 7.30p.m. | Oratorju dwar Santa Katarina V.M. fil-Knisja ddedikata lilha fiż-Żurrieq. |
| 23/11/05 | 7.30p.m. | Get Together fil-Każin. |
| 24/11/05 | 7.30p.m. | Il-Banda San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi tagħmel marċ fit-toroq taż-Żurrieq. |
| 25/11/05 | 8.15a.m. | Marċ minn Triq Dun Ġużepp Zammit sa Misraħ Repubblika. |
| 25/11/05 | 12.00p.m. | Ikla tradizzjonali fil-Bar tal-Każin, organizzata mis-Sezzjoni Nar. |
| 25/11/05 | 8.00p.m. | Marċ minn Triq il-Kbira sa Misraħ Repubblika. |
| 27/11/05 | 12.30p.m. | Ikla għall-bandisti ġewwa d-Dolmen il-Qawra. |
| 07/12/05 | 8.45a.m. | Coffee Morning l-Istazzjon ir-Rabat, organizzat mis-Sezzjoni Nisa. |
| 08/12/05 - | 11/12/05 | Bazaar ġewwa Maħżen Santa Katarina. |
| 16/12/05 | 7.00p.m. | Laqgħa għall-ġenituri u allievi fil-Każin. |
| 18/12/05 | Filgħodu | Ġabra ta' żmien il-Milied b'risq il-Każin u l-festa. |
| 25/12/05 | 10.00a.m. | Programm ta' Christmas Carols f'Misraħ Repubblika. |
| 26/12/05 | 2.00p.m. | Party tal-Milied għat-tfal fis-Sala Espedito Deguara fil-Każin. |
| 27/12/05 | 2.00p.m. | Party tal-Milied għall-anzjani fis-Sala Espedito Deguara fil-Każin. |
| 31/12/05 | Filgħaxija | New Year's Eve Party fil-Każin, organizzat mis-Sotto Kumitat tan-Nar. |

## Rokna tan-Nisa

*- Anna Camilleri*
*Chairperson Sezzjoni Nisa*

Għeżież membri,

Wasalna issa sabiex wara l-festa kbira li kellna f'Settembru niċċelebraw kif jixraq l-għeluq taċ-Ċentinarju mill-martirju tal-Padruna tagħna Santa Katarina V.M. Is-Soċjetà tagħna se tkompli torganizza diversi attivitajiet oħra sabiex tfakkar dawn il-festi. Inħeġġeġ lin-nisa membri sabiex jattendu u jieħdu sehem ħalli jibqgħu jiftakru dawn l-avvenimenti hekk kbar u uniċi għar-raħal tagħna.

Is-Sezzjoni Nisa se tkompli bil-ħidma u bl-attivitajiet tagħha matul dawn it-tliet xhur li ġejjin:

- **High Tea fil-Każin fl-okkażjoni ta' l-għeluq taċ-Ċentinarju, il-Ġimgħa 18 ta' Novembru fis-7.15p.m.**
- **Coffee Morning fis-7 ta' Diċembru l-Istazzjon ġewwa r-Rabat. Niltaqgħu fid-8.45a.m.**
- **Party tal-Milied għat-tfal fil-Każin it-Tnejn 26 ta' Diċembru 2005 fis-2.00p.m**
- **Party tal-Milied għall-anzjani fil-Każin nhar it-Tlieta 27 ta' Diċembru fis-2.00p.m.**

Attivitajiet oħra jitħabbru aktar 'il quddiem. Grazzi talli dejjem tattendu u tagħtu s-sapport tagħkom. Santa Katarina tkompli tħarisna.



*Il-membri tas-Sezzjoni Nisa waqt pellegrinaġġ u quddiesa li saru ġewwa l-Monasteru ta' Santa Katarina ġewwa l-Belt Valletta*



*Il-Kumitat tan-Nisa flimkien mal-Banda Santa Katarina V.M. sejrin għall-inawgurazzjoni tal-Pedestall il-Ġdid*

**Bejn id-19 u l-25 ta' Novembru 2005 tistgħu terġgħu issegwu x-xandiriet permezz ta' RADJU SANTA KATARINA fuq il-frekwenza ta' 90.6FM, kemm l-attivitajiet li ser jiġu organizzati kif ukoll il-Funzjonijiet Liturġiċi kollha.**

**Il-Mulej sejjaħlu biex jidħol fil-ferħ ma' Santa Katarina V.M. għal dejjem**
**Il-Membru Ġużeppi Busuttil 19/10/2005**

# Għalikom it-Tfal - *Anna Maria*



Żewġ Catheinettes bil-Kpiepel Tradizzjonali

Kif intom tfal? Kemm jgħaddi malajr hux iż-żmien! L-aħħar darba li ltqajna kienet għadha ġejja l-festa, u meta se taqraw dan l-artiklu tkun waslet il-festa ta' Novembru, li din is-sena se tkun tfisser ukoll l-għeluq tas-sena taċ-Ċentinarju. Kemm ħadna pjaċir hux fil-festa! F'isimkom nixtieq ngħid prosit lil kull min ta sehmu biex għal sena oħra jerġa' jkollna festa mill-kbar nett.

Il-25 ta' Novembru ma jkunx iċċelebrat biss fiż-Żurrieq u fiż-Żejtun. Fi Franza hemm tradizzjoni ħelwa marbuta mal-jum tal-Padruna tagħna Santa Katarina. Din it-tradizzjoni tissejjaħ ***Les Catherinettes***, li bil-Malti tista' tfisser 'it-tfajliet ta' Santa Katarina'. Dawn il-*catheinettes* huma tfajliet li għalqu il-25 sena u jkunu għadhom ma żżewġux jew ma sabux għarus. Dawn, fil-25 ta' Novembru, jiltaqgħu flimkien u tkun organizzata kompetizzjoni li llum saret popolari daqs l-aqwa sfilata tal-moda. U tafu għaliex? Għax waqt iċ-ċelebrazzjoni, dawn it-tfajliet iridu jilbsu kappell li jrid ikun oriġinali ħafna u jkun bl-isfar u l-aħdar. Il-kappell għandu sinifikat; ifisser li t-tfajla li tilbsu tkun qed tfittex għarus.

Din it-tradizzjoni ilha ġejja s-snin u bdiet fost it-tfajliet li kienu jaħdmu fil-fabbriki ta' l-insiġ u tal-ħjata. Dan għaliex Santa Katarina hija padruna wkoll tal-moda, tal-ħajjata u ta' l-istilisti. Dawn it-tfajliet xebbiet kienu jorganizzaw din iċ-ċelebrazzjoni fil-fabbrika stess, u l-propjetarju kien ilibbes hu stess il-kpiepel lit-tfajliet. Jekk kien ikun hemm tfajla waħda, kienu jkunu sħabha stess li jagħmlulha l-kappell.

Illum il-*catherinettes* saru magħrufa fid-dinja kollha. Huma gruppi ta' xebbiet li minbarra din it-tradizzjoni, jagħmlu ħafna xogħol ta' karità u volontarjat. Imma fil-25 ta' Novembru, huma jirrikorru b'mod partikolari lejn Santa Katarina V.M. u jitolbuha tidħol għalihom u tgħinhom biex issibilhom għarus bil-għaqal. Iċ-ċelebrazzjonijiet isiru madwar Franza kollha, anke f'Pariġi fil-famuża *Champs Elysees*, li hija l-aktar triq famuża f'Pariġi, u naħseb anke fid-dinja!

Ngħaddu issa għall-kompetizzjoni. Għandna għalikom żewġ mistoqsijiet ħfief ħafna:

***1. Semmejna li Santa Katarina hi padruna tal-moda. Semmi grupp ta' nies ieħor li tiegħu Santa Katarina hi padruna.***

***2. Min huma l-catherinettes?***

Bħas-soltu ibgħatu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz:

***'Kompetizzjoni għat-Tfal', Palazz Alexandria, 37, Misraħ Repubblika, Żurrieq.***

Ir-Rebbieħa tal-ħames edizzjoni huma Katrin Camilleri u Maria Camilleri. Dawn se jirċievu r-rigal mingħandna.

# L-Oratorju "Santa Katarina ta' Lixandra"

Bħala parti mill-attivitajiet taċ-ċentinarju li jfakkar l-1700 Sena mill-Martirju ta' Santa Katarina V.M. ta' Lixandra, u d-dħul glorjuż tagħha fis-Sema, il-Kumitat taċ-Ċentinarju bil-kollaborazzjoni tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq, ser jippreżentaw għall-ewwel darba l-Oratorju "Santa Katarina ta' Lixandra". Dan l-Oratorju għandu kliem ta' Rev.John Curmi u mużika ta' Mro.Francis Falzon L.(Mus.)L.C.M., L.R.S.M. u se jiġi mtella' fil-Knisja Matriċi u Arċipretali ta' Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq nhar is-Sibt 19 ta' Novembru 2005 fis-7.30p.m., taħt il-patroċinju tal-W.R. Mons. Joseph Carabott. Ser jieħdu sehem is-sopran Joan Mangion, l-alto Michelle Cachia Castelletti, it-tenur Brian Cefai, il-baxx Albert Buttigieg u l-Kor Amadeus flimkien mal-Banda Santa Katarina V.M. diretti mill-istess Surmast.

In-narratur huwa s-Sur Charles Abela Mizzi. Kulħadd huwa mistieden u d-dħul b'xejn.



# Attivitajiet tal-Banda Santa Katarina V.M.

*- Richard Farrugia*
*Chairman Kummissjoni Banda*

**AVVIŻI**

Kunċerti tal-Banda qed ikunu kull nhar ta' Tlieta fis-7.00pm. is-sena kollha.

**TAGĦLIM U LEZZJONIJIET TAL-BANDA**

Kull nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.45a.m. – Mro. Francis Falzon – Sezzjoni Injam.
Kull nhar ta' Ħamis mill-4.30pm sas-6.45pm – Mro. Mario Testa – Sezzjoni Ram

**Nhar is-Sibt 19 ta' Novembru 2005.** Oratorju ġewwa l-Knisja Arċipretali u Matriċi ta' Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq, fejn tieħu sehem il-Banda Santa Katarina V.M. Dan jibda fis-7.30p.m.

**Nhar il-Ħamis 24 ta' Novermbru 2005.** fit-7.30p.m., il-Banda San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi, diretta minn Mro. Mario Testa, se tagħmel marċ fit-toroq prinċipali taż-Żurrieq. Il-marċ ikun akkumpanjat b'dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Santa Katarina li fl-aħħar tittella' fuq il-pedestall tagħha.

**Nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2005**. Fit-8.15a.m. il-Banda Santa Katarina V.M. takkumpanja b'marċi brijużi lill-Prim Konċelebrant, Dun Anton Vella, għall-Quddiesa Pontifikali minn Triq Dun Ġużepp Żammit sa Misraħ Repubblika.

**Nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2005.** Fit-8.00p.m. il-Banda Santa Katarina se tagħmel marċ brijuż minn Triq il-Kbira sa Misraħ Repubblika.

**Nhar il-Ħadd 27 ta' Novembru 2005.** Fin-12.30p.m. se ssir ikla għall-Bandisti tal-Banda Santa Katarina V.M. fil-lukanda Dolmen il-Qawra.

**Nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2005** se ssir laqgħa għall-ġenituri u allievi tal-Banda Santa Katarina V.M. fis-Sala Espedito Deguara fil-Każin fis-7.00p.m.

**Nhar il-Ħadd 25 ta' Diċembru 2005,** nhar il-Milied, il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel programm ta' Christmas Carols f'Misraħ ir-Repubblika fl-10.00a.m.

Fil-ġranet tal-Milied u l-ewwel tas-sena, parti mill-Banda Santa Katarina V.M. tmur tferraħ lill-pazjenti ta' l-isptar Vincent de Paul b'daqq ta' Christmas Carols.

# Sotto Kumitat tan-Nar

Nibdew dan il-messaġġ billi ngħidu prosit lill-kumitati kollha li ħadmu bi ħġarhom biex din il-festa li għadha kemm għaddiet setgħet tkun waħda ta' suċċess, u se tibqa' tissemma' fuq fomm kulħadd, speċjalment minn dawk li għandhom għal qalbhom din il-festa tal-Padruna tagħna Santa Katarina V.M. Bħala Sotto Kumitat tan-Nar nixtiequ nirringrazzjaw u nagħtu l-prosit tagħna lil dawk kollha li b'sagrifiċċju u dedikazzjoni kbira ħadmu n-nar matul din is-sena, kif ukoll lil dawk li għenu biex dak l-ispettaklu stajna nagħmluh u seta' jmur l-aħjar possibli.

Dawn is-suċċessi qed jintirtu minn sena għall-oħra, u dan jixhduh l-ammont kbir ta' nies li qed iżuru l-festa tagħna, u kull sena jkollhom kliem ta' tifħir għalina. Ma nistgħux ma nsemmux ukoll in-nar tat-tieni tridu, sinkronizzat mal-banda, li reġa' kien wieħed meraviljuż, u t-tqassim tal-kaxxi nfernali tal-ħruġ u d-dħul tal-vara, li affaxxinawna bil-preċiżjoni u l-varjetajiet li kellhom. Il-murtali xejn anqas, fejn urejna l-kapaċità li għandna fis-sezzjoni tagħna, u li ftit insibu bħalha f'soċjetajiet oħra.

Rigward dak li għandu x'jaqsam max-xogħol tan-nar, diġà beda jinħadem in-nar għas-sena d-dieħla, bi brim, mili u nkartar tal-beraq tal-murtaletti, kif ukoll tal-kaxxi nfernali. Għadna qed inħejju n-nar li se jinħaraq għall-festa tal-25 ta' Novembru, fl-għeluq taċ-Ċentinarju.

Bħala 'fund raising', il-kaxxiera bdew ukoll il-ġbir tal-prima u ta' l-arbular. Is-Sotto Kumitat tan-Nar beda jorganizza 'Country Nights', li l-ewwel wieħed kien fit-22 ta' Ottubru fejn kellna lil Marisa D'Amato bħala kantanta prinċipali. Se jkollna serata oħra fit-12 ta' Novembru u oħra f'Diċembru, li d-data ssibuha ma' l-avviżi tal-każin. Fil-25 ta' Novembru f'nofs in-nhar se terġa' ssir l-ikla tradizzjonali tal-festa fil-bar tal-każin, kif ukoll se nerġgħu nibdew is-sena flimkien bin-'New Year's Eve Party'.



*Spettaklu tan-Nar - Festa 2005*

B'dawn l-attivitajiet u l-ġbir li jkollna matul is-sena, ikun jista' jerġa' jkollna bilanċ finanzjarju pożittiv, sabiex il-kumitat jerġa' jinvesti f'materjal u aċċessorji tan-nar, biex finalment nilħqu l-aspettattivi tagħna u nkunu minn ta' quddiem nett biex inżewqu l-festa tagħna.



# Sotto Kumitat Armar - *Joey Darmanin*

Qed nikteb f'din l-edizzjoni ta' wara l-festa 2005. Ma rridx niftaħar; inħalli lil dawk kollha li kienu preżenti biex ifaħħru l-festa kbira li kellna. Però, żgur li biex saret din il-festa kbira kien hemm ħafna sagrifiċċji u xogħol kbir. Minn qalbi ngħid prosit u grazzi lil kulħadd mill-kbir saż-żgħir. Mhux faċli biex ittella' dak il-livell, u kif qaluli ħafna barranin, "għamiltu festa ta' vera". Lil dawn nirringrazzjahom talli għoġobhom jingħaqdu magħna jew personalment jew bit-televiżjoni, u nistidnuhom jibqgħu jingħaqdu magħna ta' kull sena. Aħna ta' l-armar, bħall-kumplament tas-soċjetà, ma bqajniex lura, u kulħadd seta' japprezza x-xogħol kbir li sar. Diżappunt wieħed kellna fil-pedestall il-Ġdid; l-istatwi. Żgur mhux minna naqas, iżda l-pedestall waħdu biċ-ċelebrazzjoni tal-inawg-urazzjoni tiegħu, żgur li saħħru lil kull min kien preżenti. Il-maħżen, proġett ieħor kbir, u anke l-pjazza kompluta; balla deheb li tgħammixlek għajnejk.

Iżda issa li l-festa għaddiet, ix-xogħol ma qatax. Reġa' beda x-xogħol fuq il-maħżen, għax dan bħal kull dar oħra, ix-xogħol fih ma jispiċċa qatt. Inbdiet manutenzjoni wkoll fuq l-armar ta' Triq P.P. Saydon. Ġew ippjanati wkoll xi attivitajiet għall-*fund raising*. Se jsir bazaar ġewwa Maħżen Santa Katarina bejn it-8 u l-11 ta' Diċembru. Aktar informazzjoni fil-posters il-Każin jew mingħand il-membri tal-Kumitat.



*Il-Ftuħ Uffiċjali tal-Maħżen Santa Katarina*



*Il-Pedestall il-Ġdid fi Pjazza Mattia Preti*

Iżda żgur ma nistgħux ninsew l-għeluq taċ-Ċentinarju nhar il-25 ta' Novembru 2005. Nixtiqukom tgħinuna għax beħsiebna nagħlqu bil-kbir. Insemmi biss li l-Pjazza se tintrama bħall-ġimgħa tal-festa. Nixtiequ nfakkru wkoll li qed isir xogħol fuq liedna ġdida. Nixtiequ nħeġġu lit-tfal u ż-żgħażagħ li jixtiequ jaħdmu l-liedna biex jikkuntattjaw lis-Sur Emmanuel Axiaq fuq 99888076 jew lil Clint Farrugia fuq 79266493. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni għall-isbaħ faċċata armata għall-festa huma: Charlie Seisun fl-ewwel post, Mario Desira fit-tieni post u Michael Caruana fit-tielet post, filwaqt li l-isbaħ statwa kienet dik ta' Mario Fino. Ir-rebbieħa se jingħataw tifkira waqt l-ikla tradizzjonali tal-25 ta' Novembru 2005. Inħeġġu lil kulħadd għall-għeluq taċ-Ċentinarju f'Novembru li ġej. Tellgħu bnadar, tubi eċċ... u ejjew għaċ-ċelebrazzjonijiet li se jsiru. **VIVA SANTA KATARINA PATRUNA SA MINN DEJJEM TAŻ-ŻURRIEQ.**





**INSELLMULEK KATARINA**

C.D. b'diski oriġinali fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji Katrinjani. Ixtri kopja ta' din is-C.D. għall-prezz ta' Lm5 mill-Bar tal-Każin jew mingħand xi membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.

**Katrina** Merlot

L-Inbid tal-Festi Ċentinarji għall-Bejgħ is-Sena kollha mingħand il-Bar tal-Każin jew mingħand il-Membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.




**Palmisti 2004**

C.D. ta' marċi brijużi bil-kant, kantati minn Stephen Mizzi. Jistgħu jinxtraw mill-Bar tal-Każin jew mingħand il-Membri tal-Kumitat Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.

**FLOKKIJIET BIL-LOGO TAL-FESTI ĊENTINARJI**

Jistgħu jinxtraw mill-Bar tal-Każin jew mingħand il-membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti għall-prezz ta' Lm3.75.


**Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li għenu fil-jiem tal-festa, kif ukoll matul is-sena. L-appoġġ tagħkom jagħmlilna kuraġġ inkomplu nkabbru l-festa ta' Santa Katarina V.M. Patruna tagħna. GRAZZI TA' KOLLOX.**

**ISSIEĦEB MEMBRU MAS-SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ PALMISTI L-EWWEL U L-AQWA SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ FIŻ-ŻURRIEQ**



# Nota Amministrattiva *mis-Sur Josef Cachia*

☐ Dan iż-żmien li qed ngħixu, u li ilna nistennew bil-ħerqa tul dawn l-aħħar sentejn bi preparazzjoni għall-Festi Ċentinarji ta' l-1700 sena mill-Martirju u l-Glorifikazzjoni ta' Santa Katarina ta' Lixandra, issa propju ninsabu fit-tmiem tiegħu.

Kif segwejtu matul din is-sena s-Soċjetà kienet impenjata ferm b'attivitajiet kontinwi għal dawn il-Festi u kif jidher ukoll fl-attivitajiet li fadal għal dan iċ-ċentinarju.

Wara l-Festa li għada kif għaddiet f'Settembru, is-Soċjetà kienet impenjata wkoll fl-amministrazzjoni tagħha fejn nhar il-Ħadd 23 ta' Ottubru saret is-Seduta Ġenerali Annwali u issa ninsabu diġa' f'ritmu tajjeb bil-Kumitat il-Ġdid. Hawn nirringrazzja u nawgura lill-President li reġa' mpenja ruħu għal sentejn oħra ta' xogħol b'risq is-Soċjetà kif ukoll lil sħabi kollha li reġgħu ġeddew l-impenn tagħhom fil-Kumitat Ċentrali. Nixtieq nawgura lis-Sur Frans Cachia li reġa' nagħqad mal-Kumitat, kif ukoll liż-żewġ membri ġodda fil-Kumitat; is-Sinjuri Chris Cini u Samwel Mercieca. Hawn irrid ukoll nirringrazzja lil Ex-Viċi President is-Sur Josef Camilleri u lis-Sinjuri Joe Abdilla u Stephen Caruana għas-servizz li taw lis-Soċjetà fil-Kumitat Ċentrali kemm matul din is-sena kif ukoll fis-snin li kienu ilhom iservu lis-Soċjetà fil-Kumitat. Minbarra li tul dan ix-xahar saret din il-bidla, ġew ukoll iffurmati s-Sotto Kumitati l-oħra sabiex inkomplu bil-ħidma tas-Soċjetà.

Appena jiġu fi tmiemhom il-Festi Ċentinarji, is-Soċjetà mill-ewwel hija mpenjata bil-Festi tal-Milied kif jidher ukoll fil-programm t'attivitajiet f'din il-gazzetta.

Irrid nagħmel referenza għall-iskema li kien waqqaf il-Kumitat fil-bidu ta' din is-sena sabiex aktar membri jingħaqdu fi ħdan is-Soċjetà, fejn dan irnexxa b'suċċess, b'żieda ta' 96 membru ġdid, fejn issa n-numru ta' membri rġiel u nisa huwa ta' 894. Hawn irrid infakkar li minn nhar il-Ħadd 25 ta' Diċembru sa l-aħħar Ħadd ta' Jannar 2006 jiena ħa nkun qiegħed il-Każin kull nhar ta' Ħadd fil-għodu sabiex tkunu tistgħu iġġeddu l-menswalità tas-Soċjetà.

Wara li jgħaddi l-Milied ix-xogħol tas-Soċjetà ser ikompli wkoll b'mod normali bi preparamenti ta' l-attivitajiet tal-Banda kif ukoll dawk soċjali u kulturali li dejjem huma marbuta mas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M.

## Festa Liturġika tal-Martirju ta' Santa Katarina ta' Lixandra u Għeluq taċ-Ċentinarju 305 - 2005

☐ **Is-Sibt 19 ta' Novembru 2005**: Wara nofsinhar il-Vara ta' Santa Katarina V.M. tinħareġ min-niċċa u titqiegħed f'postha fil-knisja. Fis-6.00p.m. quddiesa. Fis-7.30p.m. Oratorju mtella' mis-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. taħt il-patroċinju tal-W.R. Mons. Joseph Carabott.

☐ **It-Tnejn 21 ta' Novembru 2005:** Għal kull min hu msemmi għal Santa Katarina. Fis-6.00p.m. Quddiesa li fiha mistednin speċjali dawk kollha li ngħataw l-isem ta' Santa Katarina fil-magħmudija. Wara tingħad il-kurunella ta' Santa Katarina, Innu, Antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika, bews tar-Relikwija u kant ta' l-Innu Popolari. Imexxi Fr. Vanni Xuereb.

☐ **It-Tlieta 22 ta' Novembru 2005**: Jum il-Vokazzjonijiet. Fis-6.00p.m. quddiesa li fiha mistednin speċjali s-Saċerdoti, Seminaristi u r-Reliġjużi rġiel u nisa. Issir il-vestizzjoni ta' l-Abbatini. Wara jkun hemm iċ-Ċelebrazzjoni tat-Tridu. Imexxi r-Rettur tas-Seminarju l-Kan. Dun Anton Gouder.

☐ **L-Erbgħa 23 ta' Novembru 2005**: Ngħidu Grazzi. Fis-6.00p.m. quddiesa li fiha mistednin speċjali dawk kollha li ħadmu biex jirnexxi ċ-ċentinarju. Jitqassmu ċ-ċertifikati lir-reffiegħa u lis-Sotto Kumitati. Wara jkun hemm iċ-ċelebrazzjoni tat-Tridu. Imexxi l-Arċipriet Dun Karm Farrugia.

☐ **Il-Ħamis 24 ta' Novembru 2005**: Lejlet il-Festa. Fil-5.30p.m. Translazzjoni Solenni tar-Relikwija mill-Kappella ta' San Bert, għasar u quddiesa. Imexxi Mons.Carmelo Zammit.

☐ **Il-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2005**: Jum il-Festa. Fid-9.30a.m. quddiesa solenni bil-mużika u paniġierku mill-W.R. Mons. Anton Vella, Arċipriet Ġdid tal-Katidral Metropolitan ta' l-Imdina. Fil-5.15p.m. tqegħid ta' kuruna tar-rand fuq il-Monument ta' Santa Katarina V.M. f'Misraħ Repubblika mill-membri tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. Fil-5.30p.m. Għasar Solenni u Quddiesa. Fis-6.45p.m. Pellegrinaġġ Devozzjonali bl-istatwa ta' Santa Katarina V.M. Fis-7.30p.m. dħul tal-Pellegrinaġġ, bews tar-Relikwija, Repożizzjoni, Barka Sagramentali u kant ta' l-Innu taċ-Ċentinarju. Imexxi l-Arċipriet Dun Karm Farrugia.

N.B. Mill-21 sal-25 ta' Novembru 2005 jieħu sehem il-Kor Parrokkjali *Cantate Domino* taħt it-tmexxija ta' Mro.Patri Anton Briffa OFM Cap., L.L.C.M., Lic.Mus.Sacra, M.Mus.Greg. Organsita: Mro.Paul Portelli L(Mus.) L.C.M., Dip.(Mus.)Sacra.





# Oratorju - Santa Katarina ta' Lixandra

**Kitba: Fr. John Philip Curmi - Mużika: Mro. Francis Falzon L.(Mus.) L.C.M., L.R.S.M.**

Għal din is-sena ċentinarja li qiegħda tfakkar l-1700 sena mill-mewt ta' Santa Katarina u d-daħla glorjuża tagħha fis-sema, ġie kompost Oratorju f'ġieħ il-qaddisa patruna tar-raħal tagħna, Santa Katarina ta' Lixandra. Oratorju hu kompożizzjoni mużikali ta' natura drammatika jew/u kontemplattiva għall-vuċijiet u għall-istrumenti mużikali. Ġeneralment is-suġġett ikun wieħed reliġjuż. Huwa u jitwettaq la hemm azzjoni, la xenarju u lanqas kostumi. L-Oratorju Santa Katarina se jindaqq fil-Knisja Parrokkjali tar-raħal mill-Banda Santa Katarina nhar is-Sibt 19 ta' Novembru. Id-direzzjoni tal-Banda se tkun taħt is-Surmast Francis Falzon. Mal-Banda se jikkumpanja il-Kor AMADEUS li se jesegwixxi l-kant b'erba' vuċijiet. Mal-Kor se jieħdu sehem ukoll bħala solisti - it-Tenur Brian Cefai, il-Baxx Albert Buttiġieġ, is-Sopran Joan Mangion u l-Alto Michelle Cachia Castelletti. L-Oratorju fih preludju u 14-il silta mużikali.

**Il-PRELUDJU:** huwa silta mużikali li tintroduċi l-oratorju, u fiha jiġi deskritt il-konflitt bejn it-tajjeb u l-ħażin. It-tieni taqsima tiddeskrivi l-qdusija ta' Santa Katarina filwaqt li fl-aħħar nerġgħu nisimgħu il-mottiv tal-bidu li jindaqq minn tromba solo akkumpanjata mit-timpani.

**(1) KATARINA:** Għajta ta' ġieħ lill-isem maħbub ta' Santa Katarina; isem għażiż li min jaf kemm ħareġ ħerqan minn qalb iż-Żrieraq fit-talb u fil-qima tul is-snin. Silta li fiha jkanta l-kor waħdu u li fiha diversi drabi jissejjaħ l-isem ta' Katarina flimkien ma' diversi titli li nagħtu lil din il-qaddisa.

**(2) LIXANDRA:** Il-belt li tat il-ħajja lil Santa Katarina; il-belt li kull meta tissemma' Santa Katarina, tieħu hi l-ġieħ. Il-glorji ta' din il-belt jitkantaw mit-tenur u l-kor. Il-mużika tirrifletti l-ħajja mqanqla f'din il-belt glorjuża.

**(3) 1700 SENA ILU – JUM IL-GLORJA:** Ftit ieħor u niċċelebraw u niffesteġġjaw il-jum sabiħ tal-25 ta' Novembru; jum il-martirju u d-daħla glorjuża ta' Santa Katarina fis-sema. Silta miktuba għas-sopran, alto u tenur u fl-aħħar jiżdied ukoll il-kor. Mużika trijonfali li tfakkar id-daħla glorjuża ta' Santa Katarina fis-sema.

**(4) IT-TALBA TAD-DIXXIPLU:** Santa Katarina, b'qalb ta' dixxiplu ta' Ġesù tesprimi mħabbitha lejn l-Imgħallem Ġesù u x-xewqa tagħha li tkun aktar tiegħU u tiegħU biss. Xewqat Santa Katarina hi li l-bnedmin kollha jduru lejn Ġesù u jsiru tassew iħobbuH. F'din is-silta jieħu sehem kulħadd, kemm il-vuċijiet soli kif ukoll il-kor. Il-kor ikanta f'forma ta' koral din it-talba devota u jalterna mal-vuċijiet soli. It-talba tagħlaq billi lkoll flimkien ikantaw il-Glorja lill-Missier.

**(5) L-GĦERUSIJA MISTIKA:** Dwett ta' mħabba safja u dejjiema bejn żewġ għarajjes – Kristu u Santa Katarina. Il-parti ta' Kristu tiġi kantata mit-tenur, u l-mużika hija fi stil modali, filwaqt li l-parti ta' Santa Katarina hija nterpretata mis-sopran, u l-mużika tagħha hija miktuba fi stil impressjonista.

**(6) IL-MISSJONI TA' SANTA KATARINA:** Missjoni prezjuża - dik li tiddefendi lil Alla wieħed u veru u lill-Insara mill-moħqrija ta' Ruma. Missjoni rrakkuntata minn Massiminu ddisprat. Fl-isfond il-biża' tal-persekuzzjoni u l-kefrija tal-moħqrija tagħha. Il-parti ta' Massiminu hija kantata mill-baxx, filwaqt li r-ritornell ikantah il-kor. Ir-rabja ta' Massiminu twasslu biex jagħti l-martirju lil Katarina. Fl-aħħar tas-silta nassistu għal intermezz mużikali li jiddeskrivi l-martirju fuq ir-rota u ftit wara l-qtugħ ir-ras.

**(7) LEJN IS-SINAJ…U LEJN L-EWROPA:** Midfuna bil-qima fis-Sinaj, fil-Monasteru li jġib isimha, il-kult tagħha xegħel u xtered ma' l-Ewropa kollha. Mużika pjuttost funebri akkumpanjata minn daqq ta' qniepen kif imdorrijin nisimgħu fil-funerali fiż-Żurrieq. Ftit, ftit, il-mużika minn waħda kiebja ssir aktar trijonfali, u l-mota funebri fl-aħħar tinbidel f'daqq ta' qniepen ferrieħa.

**(8) WASLET MALTA WKOLL:** Silta li tirrakkonta kif u meta l-qima ta' Santa Katarina waslet Malta u kif inħatret patruna ta' tnejn mill-ewwel parroċċi Maltin – iż-Żurrieq u ż-Żejtun. Silta nterpretata mill-Alto solo.

**(9) KNISJA OĦRA ĠDIDA:** L-imħabba lejn Santa Katarina espressa fix-xewqa u fis-sehem ta' missirijietna li jibnu Knisja kbira u sabiħa ad unur tagħha u jżejnuha bl-isbaħ opri ta' l-arti msawra mill-aqwa artisti ta' kull żmien. Wara d-daħla mill-kor, is-silta tkompli f'forma ta' dwett bejn is-sopran u t-tenur. Tagħlaq bil-kor li jirrappreżenta l-poplu Żurrieqi jitlob lil Santa Katarina biex tidħol għalih quddiem Alla.

**(10) SITT MITT SENA ILEK FOSTNA:** Fuq sitt mitt sena ilha tindukrana u tberikna mis-sema. It-talba ħerqana taż-Żrieraq tal-lum li Santa Katarina tibqa' fostna tieħu ħsiebna bħala patruna. F'din is-silta jieħu sehem it-tenur filwaqt li l-kor ikanta r-ritornell.

**(11) LILEK TALBU Ż-ŻRIERAQ TUL L-ISTORJA:** Ir-rabta ta' Santa Katarina ma' l-istorja taż-Żurrieq. Il-ġrajjiet ewlenin: żmien il-furbani; il-Kavallieri; il-Franċiżi; il-pesti qerrieda; it-tieni gwerra dinjija fejn fihom iż-Żrieraq resqu lejn il-protettriċi tagħna u bil-ħerqa talbuha l-kenn u l-wens tagħha. Permezz tal-mużika nidħlu fl-atmosfera tal-waqt storiku, filwaqt li l-baxx ikanta dwar dan il-fatt. Il-kor, li jirrappreżenta lill-poplu, jitlob lill-patruna tiegħu tidħol għalih.

**(12) DAK IR-RAĠEL LIEBES L-ABJAD:** M'hu ħadd ħlief il-Papa Ġwanni Pawlu II. Titfakkar iż-żjara tiegħu fil-monasteru ta' Santa Katarina fis-Sinaj u r-rieda tiegħu li fil-25 ta' Novembru tidħol mill-ġdid it-tifkira ta' Santa Katarina fil-Kalendarju Universali tal-Qaddisin. Jieħdu sehem il-kor, is-sopran u l-alto.

**(13) GĦALLIEMA TA' DEJJEM:** Hekk hi Santa Katarina. Inħarsu lejha. Nitgħaxxqu biha u nħalluha tgħallimna kif ngħixu l-ħajja nisranija tagħna. Jieħdu sehem l-erba' solisti wara xulxin, u fl-aħħar jingħaqdu flimkien b'mod kuntrapuntali *a cappella*, jiġifieri mingħajr l-akkumpanjament tal-banda.

**(14) GĦELUQ: RABTA DEJJIEMA:** Kif missirijietna għażlu b'patruna lil Santa Katarina ta' Lixandra u żammewha hekk tul is-sekli, imiss lilna f'dan iċ-ċentinarju qaddis inġeddu din ir-rabta u xejn inqas imħabbitna lejn din il-qaddisa kbira, ħerqana u determinati li r-rabta tagħna magħha tibqa' għal dejjem. Issir referenza mużikali għall-ewwel silta ta' l-oratorju mill-kor. Nisimgħu intervent mill-erba' solisti, flimkien imbagħad mal-kor, permezz ta' entraturi kuntrapuntali li jilħqu l-qofol tagħhom fil-*Maestoso* tal-final. F'dan il-final majestuż jiżdiedu wkoll il-vuċijiet solisti.

Design & Printing: Tel: 21250994/3